**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 14 ta' Jannar 2020**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 846/2018**

**Dr Ann Fenech kif debitament awtorizzata bhala mandatarja ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Bluefin Marine Ltd, registrata l-Liberia, u tal-bastiment MV Bright Star gia Trading Fabrizia bin-numru tal-IMO 9481960**

**vs**

**Is-socjeta estera Jebmed SRL registrata gewwa l-Italja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici nomine li tghid hekk:

(1) Illi fid-9 ta' Jannar 2018 s-socjeta attrici ippartecipat u xtrat il-bastiment bl-isem 'Trading Fabrizia' f'bejgh b'subbasta li sehh fuq ordni tal-Qorti tal-Jamaica kopja tas-'Certifcate of sale by the Admiralty Bailiff of the Supreme Court of Judicature of Jamaica' hawn anness u mmarkat 'AFl'.

(2) Illi dan il-bejgh sar fuq ordni tas-Supreme Court fil-Jamaica li ggib id-data tat-28 ta' Gunju 2017.

(3) Illi s-socjeta attrici hallset is-somma globali ta' ghaxar miljun u tlett mitt elf dollaru Amerikan (US$10,300,000) liema somma tirapprezenta l-prezz li ghalih gie liberat l-imsemmi bastiment fis-subbasta, u dan kif jidher car mill-kopji tat-trasferimenti bankarji kemm tad-depozitu (10%) kif ukoll tal-bqija (90%) tal-prezz hawn annessi u mmarkati kollettivament bhala Dok. 'AF2'.

(4) Illi fis-16 ta Jannar 2018, inhareg certifikat mir-Registratur tal-Qorti tal-Jamaica li jistabilixxi li l-bastiment inbiegh fuq ordni tal-Qorti tal-Jamaica li inghatat fit 28 ta' Gunju 2017 (dokument hawn anness u mmarkat 'AF3'); kif ukoll, Bill of Sale, hawn anness u mmarkat 'AF4', favur is-socjeta attrici bhala xerrej, li jipprovdi li l-bastiment Trading Fabrizia inbiegh u nxtara ghas-somma ta' ghaxar miljuni, u tlett mitt elf dollaru Amerikan (US$10,300,000) u li inbiegh liberu u frank.

(5) Illi wara li xtrat il-bastiment 'Trading Fabrizia' fis-16 ta' Jannar 2018, is-socjeta attrici semmietu 'Bright Star'' l-isem prezenti tal-bastiment.

(6) Illi fit 23 ta' Frar 2017, qabel sew l-ordni tal-Qorti tal-Jamaica tat 28 ta' Gunju 2017 biex jinbigh il-bastiment b'subbasta, u qabel il-bejgh b'subbasta fid- 9 ta' Jannar 2018, is-socjeta konvenuta ottjeniet titolu ezekuttiv mill-Qrati Maltin in konsegwenza tal-ipoteka navali li kienet registrata favur taghha fir-registru tal-bastimenti merkantili Malti fil-konfront tal-bastiment li dak iz-zmien, fi Frar 2017, kien jismu 'Trading Fabrizia' u fil-konfront tas-sidien precendenti tieghu Capitalease SpA.

(7) Illi fil-hamsa (5) ta' Marzu 2018 inhareg formal order mil-Qrati Jamaikani fejn is-somma ta' tlett miljun dollaru Amerikan ($3,000,000) giet riservata a favur is-socjeta konvenuta u cioe a favur Jembed Srl in sodisfazzjoni tal-pretenzjonijiet taghha. Kopja ta' dan l-ordni hawn annessa u mmarkata 'AF5'.

(8) Illi fit-19 ta' Gunju 2018 il-bastiment 'Bright Star', taht sidien godda u wara l-bejgh bis-subbasta sureferit, kien fi triqtu minn Kavkaz fir-Russja ghall-Venezuela mimli bit-tlettin elf (30,000) tunnellata qamh. Gie ordnat jieqaf flibhra territorjali Maltin sabiex jiehu l-bunkers, u malli waqaf Malta biex jiehu l-bunkers sab ruhu arrestat permezz ta' mandat ta' arrest ezekuttiv nru. 998/18 mahrug mis-socjeta konvenuta, li rrizulta kienet kreditrici tal-bastiment qabel ma' dan kien inbiegh b'subbasta ghal dejn li kien jappartjeni lis-sidien precedenti tal-bastiment.

(9) Illi dan l-arrest kien manifestament illegali, u l-mandat ta' arrest ezekuttiv qatt ma missu inhareg, stante li l-ezekutant ma kellu ebda dritt legittimu sabiex jarresta l-bastiment ghal dejn tas-sidien precedenti wara li l-bastiment inbiegh b'subbasta, liberu u frank. Il-kreditu tas-socjeta konvenuta kellu jithallas biss mir-rikavat tal-bejgh tal-bastiment b'subbasta u ma seta qatt isegwi l-bastiment wara li dan gie mibjugh b'subbasta. Il-bastiment inbiegh b'subbasta liberu u frank u ghalhekk ma jezisti ebda droit de suite versu l-bastiment wara li dan inbiegh. Di piu, is-socjeta konvenuta kienet konnxja tal-istess subbasta gewwa l-Jamaica ghaliex din saret fuq it-talba originali taghha stess.

(10) Illi ai termini ta' Artikolu 37D ta' Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta, kull dritt jew pretenzjoni li jista' jkollu kwalunkwe kreditur, inkluz dak tas-socjeta rikorrenti fil-kaz odjern li kellha ipoteka navali, trid tigi sodisfatta mir-rikavat tal-bejgh u cioe, mil-prezz li thallas ghal bastiment fil-Qrati Jamaikani mis-socjeta esponenti meta din xtrat il-bastiment fil-bejgh b'subbasta.

(11) Illi ghalhekk dan l-arrest tal-bastiment kien ghal kollox illegali, abbuziv u vessatorju u ghal din ir-raguni, fit- 22 ta' Gunju 2018 gie pprezentat rikors numru

653/18 mis-socjeta attrici ghar-revoka tal-fuq imsemmi mandat ta' arrest ai termini tal-Artikolu 281(1) tal-Kap 12.

(12) Illi sadanittant, l-bastiment merkantili, li hu bulk carrier, kien taht time charterparty bejn is-sidien u t-time charterers. Ic-charterer tal-bastiment kien qed ihallas ghaxart elef, tlett mija u hamsin dollaru Amerikan (USD10,350) kull jum f'kirja (hire), kif ukoll elfejn dollaru Amerikan (USD2,000) kuljum ghal konsum ta' bunkers. Il-hlas ta' din il-kirja lis-sidien giet sospiza u mwaqqfa waqt li l-bastiment kien ghadu taht arrest u l-vjagg lejn Venezuela baqa jigi ttardjat u dan skond it-termini u l-kundizzjonijiet tal-istess time charterparty. Kopja tal-fixture recap tac-charterparty hawn anness u mmarkat AF6.

(13) Illi s-sidien ghalhekk kellhom obbligi u pressjoni kummercjali kbira sabiex jkomplu fi triqthom malajr kemm jista' jkun, apparti li kienu qeghdin jesponu ruhhom ghal danni sostanzjali u ghalhekk wara l-arrest tal-bastiment mis-socjeta konvenuta, is-socjeta attrici offriet Letter of Undertaking minghand il-P&I Club rinomata taghhom, Steamship Mutual, li hija membru tal-lnternational Group of P&I Clubs sabiex din tigi ddepositata fir-registru tal-Qrati Maltin sabiex il-mandat jigi revokat sakemm tigi risolta l-kwistjoni tal-illegalita tal-arrest. Izda, is-socjeta konvenuta Jebmed Srl bla raguni valida, ma accettatx din il-garanzija. Ma kien hemm ebda raguni ghaliex s-socjeta konvenuta ma kelliex taccetta din il-garanzija min P&I Club rinomat bhal dan, b'certifikat ta' A financial rating, ghajr sabiex tkompli tghamel pressjoni ghall-kollox illegali u illecita fuq is-sidien il-godda tal-bastiment bl-isperanza li minflok jiddepositaw flus kontanti fir-registru tal-Qorti u tiggieled dan l-arrest ghal kollox illegali, taqbad u thallas lis-socjeta konvenuta.

(14) Illi minhabba dan is-socjeta attrici, taht pressjoni kbira, ma kellha ebda ghazla hlief li tiddeposita flus kontanti fl-ammont ta' Euro 779,346.61 fir-registru tal-Qrati Maltin permezz ta' Cedola ta' Depositu Numru 1205/18, u dan naturalment minghajr prejudizzju ghall-eccezzjoni tal-illegalita tal-arrest, fejn is-socjeta attrici eccipiet li dan qed issir "sabiex is-somma tigi rilaxxata lil min ikollu dritt ghaliha skond il-ligi tenedo fatt li l-Mandat ta' Arrest qed jigi kkontestat bis-sahha stante l-illegalita u n-nullita tieghu”. Kopja tac-Cedola ta' Depositu hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'AF7’.

(15) Illi wara li giet ddepositata garanzija s-sidien ipprezentaw kontro-mandat Numru 1030/18 li gie akkordat fit-22 ta' Gunju 2018.

(16) Illi fit-tnax (12) ta' Lulju 2018, permezz ta' digriet, l-Onorabbli Qorti ddecidiet ir-rikors ghar-revoka fejn is-socjeta attrici kienet talbet li l-mandat ta' arrest li gie sostitwit bil-fondi ddepositati fil-qorti, jigi revokat u l-flus rilaxxati a favur issidien tal-Bright Star.

(17) L-Onorabbli Qorti ddeciediet li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba kif imressqa mis-socjeta attrici ghar-rilaxx favuriha tal-ammont ta' Euro 779,346.61 iddepositat permezz ta' cedola numru 1205/18 ghaliex fl-opinjoni tal-Onorabbli Qorti artikolu 281 ma kienx applikabbli. Il-Qorti qalet: "Ma kenitx il-fehma tal-legislatur li din l-procedura (taht l-artikolu 281) tintuza biex mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg.

Il-Qorti kienet ukoll tal-fehma li "Jidher li l-bastiment iqis li l-procedura tal-lum tista' tixxiebah mar-rimedji li l-ligi taghti fil-kaz tat-talba ta 'hrug ta' Kontro Mandat kawtelatorju. Huwa car li r-rimedju moghti mil-ligi taht l-artikolu 281 ma huwiex l-istess bhall-ghazla ta' rimedji moghtijin mill-istess Kodici fil-kaz ta 'Mandati kawtelatorji" u kkonkludiet li: "Jidher li din hija kwestjoni li tkun trid titressaq b'azzjoni u fis-sura xierqa quddiem il-Qorti kompetenti."

(18) Illi bhala konsegwenza ta' dan kollu, illum ghandna sitwazzjoni fejn:
a. Il-bastiment Bright Star gie arrestat illegalment mill-ezekutant li kien jaf mhux biss li l-ligi taghna ma taghtih ebda dritt sabiex jarresta l-bastiment ghad-dejn tas-sidien precidenti wara li l-bastiment ikun inbiegh b'subbasta, izda li l-ligi taghna permezz ta' artikolu 37 tistipula b'mod espress, li l-interess ta' kull kreditur inkluz kreditur li ghandu ipoteka navali jrid jigi enforzat u indirizzat lejn u versu r-rikavat fis-subbasta;
b. Illi minhabba l-obbligi kummercjali taghhom, is-sidien gew kostretti li jiddepositaw is-somma ta' seba mija disgha u sebghin elf, tlett mija u sitta u erbghin ewro u wiehed u sittin centezmu (€779,346.61) sabiex il-bastiment ikun jista jkompli fuq xogholu;
c. Illi nel frattemp is-siddien il-godda bghatu danni u konsegwenzi serji ta' dan l-att illegali u ghal kollox abbuziv;
d. Li kellha tigi intavolata din l-azzjoni fuq il-meriti biex dan l-arrest jigi ddikjarati illegali, u sabiex il-flus depositati jigu rilaxxati lis-socjeta ezekutata, b'talba ghad-danni sofferti.

(19) Illi s-sidien tal-bastiment sofrew danni sostanzjali minhabba l-azzjoni illegali tas-socjeta rikorrenti, inkluz t-telf tal-kirja ghaliex il-bastiment kellu jmur off hire waqt l-arrest, l-ispejjez ta' penali taht ic-charterparty, il-konsum ta' aktar bunkers waqt li l-bastiment kien maqbud Malta, it-telf tal-uzu tas-somma ta' €779,346.61, flimkien mal-ispiza tad-depozitu tal-istess somma, it-telf tal-imghaxijiet, danni minhabba tibdil fir-rati tal-kambju, spejjez addizzjonali bhal hlasijiet lil agenti f'Malta waqt li l-bastiment iniamm taht arrest f'Malta, oltre spejjez relatati mall-bastiment mizmum f'Malta, spejjez legali, kif ukoll l-ispejjez tal-qrati ghal proceduri li kellhom jigu intavolati u trattati ghal xejn u minhabba l-passi vessatorji u malizzjuzi li hadet is-socjeta konvenuta.

(20) Illi in konsegwenza ta' dak kollu li intqal hawn fuq, l-effetti kollha tal-mandat ezekuttiv ta' arrest ghandhom jithassru, effettivament permezz tar-ritorn tas-somma ddepozitata lis-socjeta attrici, u dan ghaliex mandat ezekuttiv ta' arrest ghal djun ta' sidien precedenti qatt ma ghandu jinhareg fuq bastiment wara li dan ikun inbiegh b'subbasta lis-sidien godda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara illi l-mandat ta' arrest ezekuttiv nru. 998/18 mahrug fuq talba tas-socjeta konvenuta kien ghal kollox illegali u/jew null skond il-ligi Maltija inkluz ai termini tal-artikolu 37D tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

(2) Tiddikjara illi t-titolu ezekuttiv tas-socjeta konvenuta mhuhiex enforzabbli fil-konfront tal-bastiment Bright Star wara li dan gie mibjuh liberu u frank permezz ta' subbasta quddiem il-Qrati gewwa l-Jamaica u dan ai termini tal-ligi nostrana inkluz artikolu 37D tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

(3) Tiddeciedi li l-fondi li huma pprezentament depositati taht l-awtorita ta' din l-Onorabbi Qorti permezz ta' Cedola ta' Depositu numru 1205/18 jigu rilaxxati favur is-socjeta attrici.

(4) Tordna r-rilaxx tal-fondi ddepozitati fir-Registru tal-Qrati permezz ta' Cedola ta' Depositu numru 1205/18 favur is-socjeta attrici.

(5) Tiddikjara illi at termini tal-artikolu 279 tal-Kap. 12 is-socjeta konvenuta ghandha thallas id-danni sofferti mis-socjeta attrici in konsegwenza tal-arrest numru 998/2018.

(6) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici minhabba l-mandat ta' arrest numru 998/2018.

(7) Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici id-danni hekk likwidati flimkien mal-imghaxijiet.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri tal-atti tal-Mandat numru 998/2018, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi qabel xejn jinghad illi ghalkemm is-socjeta esponenti ma gietx notifikata skont il-ligi in kwantu illi r-rapprezentant legali tal-istess socjeta ma huwiex Stefano Arecco u dan skont kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati 'Dok. JEB X1' u 'Dok. JEB X2', b'lealta lejn dina l-Onorabbli Qorti u sabiex jigi evitat dilungar inutili ta' dawn il-proceduri, tenut kont tal-fatt illi fl-atti tal-Qorti hemm ukoll traduzzjoni bil-lingwa Ingliza, l-istess socjeta esponenti qieghda taghti ruhha b'notifikat u tipprezenta r-risposta guramentata taghha.

2. Illi in linea preliminari, in-ne bis in idem fir-rigward tal-ewwel, il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet. Dawn l-istess talbiet precizi gia gew proposti mill-Bastiment rikorrenti u michuda minn dina l-Onorabbli Qorti wara smigh tar-rikors bin-numru 653/2018JRM, kopja tas-sentenza qieghda tigi hawnhekk annessa u mmarkata bhala ‘Dok. JEB1’. L-ewwel talba tinsab taht appell, bis-smigh skedat ghat-tlieta (3) ta' Dicembru 2018. It-talbiet l-ohra gew decizi u ghaddew f’gudikat.

3. Illi wkoll in linea preliminari, l-intempestivita tal-azzjoni fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet, in kwantu illi kif gia jinghad fl-ewwel eccezzjoni, ghad hemm gudizzjarji pendenti illi jimpingu direttament fuq tali talbiet proposti f’din il-kawza.

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti fit-totalita taghhom bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri u inter alia, ghar-ragunijiet segwenti:-
(i) Is-socjeta esponenti pprocediet bil-hrug ta' mandat ezekuttiv ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar abbazi ta' ipoteka navali registrata validalment fuq il-bastiment in kwistjoni f’Malta.
Din l-ipoteka navali qatt ma giet estinta, spiccat jew intilfet u ghalhekk l-istess mandat eiekuttiv gie akkordat u milqugh minn dina l-Onorabbli Qorti.

(ii) Fil-proceduri ta' subbasta ghall-bejgh tal-bastiment gewwa l-Jamaica, is-socjeta esponenti ma gietx meqjusa illi hija kanonizzata kreditrici b'titolu ezekuttiv li kellu first ranking u ghalhekk l-interess tal-kreditur ipotekarju fil-Bastiment ma ghaddiex ghad-dhul mill-bejgh tal-istess Bastiment kif jipprovdi l-Artikolu 37D tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta.
F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-opinjoni legali tal-avukati Gamajkani tas-socjeta esponenti fejn jiddikjaraw li "There is no facility for the registration of the Maltese Mortgage in Jamaica and it therefore does not have any coercive force until the Court has exercised a judicial function in relation to it" u dan minhabba li ma jezisti l-ebda "reciprocal enforcement of judgements with either Malta in Jamaica Din l-opinjoni legali qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. JEB2'

(iii) La l-Bastiment u wisq anqas is-sidien tieghu, atturi f'dawn il-proceduri, ma jistghu b'xi mod jew iehor jpingu ruhhom bhala li huma xi vittmi u/jew jeccepixxu l-innocenza taghhom in kwantu illi minn dejjem kienu konsapevoli tal-fatt illi l-kreditu tas-socjeta esponenti qatt ma gie sodisfatt anzi kienu mwissija illi "any purchaser will have to deal with the Registrar of Shipping at the port of registration of The Vessel in Malta" u illi "there is a distinct risk that will be undertaken by any purchaser from the Admiralty Bailiff in the present circumstances in light of the known and fully disclosed position of the mortgagee.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

**Ikkunsidrat**

L-eccezzjoni mertu ta' din il-kawza hi dik tar-res judicata. Is-socjeta konvenuta issostni illi l-mertu ta' din il-kawza, gia gie deciz b'zewg digrieti cioe tal-Prim Awla tat-12 ta' Lulju 2018 u l-provvediment finali tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Frar 2019 b'enfasi partikolari fuq id-digriet tal-Qorti tal-Appell. Il-kawza li qed issir mertu ta' din l-eccezzjoni hi kawza ghad-danni ghax l-attrici nomine qed issostni illi l-mandat ta' arrest ezekuttiv tal-bastiment Bright Star gia Trading Fabrizia (mandat 998/18) mitlub mis-socjeta konvenuta inhareg hazin u illegalment ghax la darba l-vapur kien inbiegh b'subbasta fil-Jamaica, id-drittijiet tas-socjeta konvenuta jibqghu enforzabbli fuq il-kreditu mil-bejgh u mhux aktar fuq il-vapur skont il-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Saru proceduri mil-bastiment biex il-mandat ezekuttiv jigi revokat permezz tal-procedura ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 pero kemm fid-digriet tal-Prim Awla tat-12 ta' Lulju 2018 u mil-provvediment tal-Qorti tal-Appell mil-imsemmi digriet tat-8 ta' Frar 2019 il-mandat gie konfermat bhala validu u t-talba ghar-revoka giet michuda.

Is-socjeta konvenuta issostni li l-gudikat senjatament tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' Frar 2019 ghalqet il-kwistjoni b'mod definittiv fuq il-mertu propost f'din l-azzjoni cioe li l-hrug tal-mandat ta' arrest kien ghal kollox null u/jew illegali skont il-ligi Maltija ghax it-titolu ezekuttiv tas-socjeta konvenuta ma jistax jigi enforzat aktar fuq il-vapur.

Ta' min jirreleva, ghalkemm mhux strettament pertinenti ghal din l-eccezzjoni, illi waqt il-varji azzjonijiet mehuda mil-partijiet, il-vapur gie rilaxxat wara li thalliet garanzija fi flus flok l-arrest tal-vapur ghat-titolu ezekuttiv pretiz mis-socjeta kovenuta. Aktar tard l-istess socjeta konvenuta giet awtorizzata tizbanka l-imsemmija garanzija in forza tat-titolu ezekuttiv u bis-sahha tal-provvediment tat-8 ta' Frar 2019. Pero l-attrici nomine ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq l-ammont depozitat fil-Qorti li ghadu fis-sehh ghax giet michuda t-talba tas-socjeta konvenuta biex tirrevoka l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju peress li hemm pretensjoni ta' danni da parti tal-attrici nomine li setghet tigi kawtelata bil-mandat.

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tqis l-eccezzjoni fid-dawl ta' dawn il-fatti. Bla dubju kemm il-provvediment tal-Prim Awla u dak tal-Qorti tal-Appell li cahdet it-talba biex jigi revokat il-mandat ta' arrest ezekuttiv tal-vapur in kwistjoni jew il-garanzija in sostituzzjoni kienu digrieti u mhux sentenza. Il-procedura adoperata cioe taht l-artikolu 281 tal-Kap. 12 hi procedura sommarja intiza biex tqis jekk l-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv hux wiehed skont il-ligi. L-iskop ta' tali artikolu qatt ma kien li jigi investit il-mertu l-validita o meno tat-titolu innifsu izda biss l-att ezekuttiv mahrug min Qorti kompetenti biex jigi realizzat id-dritt tal-kreditur li jrid jipprova biss fuq bazi prima facie li jgawdi titolu ezekuttiv. Hi l-gurisprudenza kostanti tal-Qorti taghna illi t-thassir imsemmi fl-artikolu 281 tal-Kap. 12 cioe ghal 'raguni valida skont il-ligi' hi immirata ghal xi irregolarita jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu u mhux fit-titolu

ezekuttiv li bis-sahha tieghu inhareg l-att. Jigi enfasizzat illi l-procedura biex jigi attakkat it-titolu mhux misjuba fl-artikolu 281 tal-Kap. 12 izda fil-procedura ordinarja kontenzjuza. Tant hu hekk illi l-istess artikolu 281(1) jaghti r-rimedju ghat-thassir ta' att ezekuttiv 'minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra'. Dan ifisser illi l-artikolu 281 ihalli mhux mittiefes id-drittijiet tal-partijiet fil-mertu tat-titolu kemm jekk fil-parti sostantiva jew fil-parti procedurali tal-mertu. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Dr Robert Zammit vs Pierre Falzon et** (13/07/2018) qalet hekk:

> Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' jigi biss attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema cirkostanzi jista' jintalab il-hrug tal-Kontro-Mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per ezempju, fl-Artikoli 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawza prezenti mhuwiex Mandat kawtelatorju.

Hu maghruf fil-gurisprudenza illi l-eccezzjoni tar-res judicata hi ammissibbli meta jkun hemm sentenza definitiva fuq il-mertu. F'dan il-kaz zgur ma jistax jinghad li l-provvediment jew digriet, kif del resto jsejjahlu l-legislatur bil-procediment taht l-artikolu 281 jikkostitwixxi sentenza definitiva fuq il-mertu tat-titolu innifsu li inghatat bejn l-istess persuni, fuq l-istess oggett u l-istess kawzali. Ghalkemm jista' jitqies li l-procedura taht l-artikolu 281 ma ghandhiex titqies bhala digriet interlokutorju pur izda digriet definittiv pero tali digriet jolqot biss l-ezekuzzjoni definitiva tat-titolu izda mhux it-titolu nnifsu li l-impunjattiva ghalih irid isir bil-mezz normali ta' kawza kif del resto sar b'din il-kawza quddiem il-Qorti li fiha tressqet l-eccezzjoni u fejn il-partijiet ghandhom iressqu l-provi kollha necessarji biex jippruvaw it-tezi taghhom, kwistjoni li fil-procedura sommarja taht l-artikolu 281 lanqas hi permessa. Di fatti l-ewwel zewg talbiet tal-attrici nomine huma intizi biex jigi dikjarat null u/jew illegali l-mandat ta' arrest ezekuttiv fil-mertu tieghu mhux fil-forma tieghu u l-konsegwenzi kollha li gabu mieghu fil-mori tal-proceduri li ghadhom ma intemmux; kif ukoll u marbuta sfiq maghha talba biex jigi dikjarat li l-mandat hu null jew illegali ghax inhareg in forza ta' titolu ezekuttiv liema titolu mhux ezegwibbli kontra l-vapur li fil-konfront tieghu inhareg il-mandat. Dawn il-kwistjonijiet fil-mertu ghadhom ma gewx decizi finalment minn ebda Qorti ghax kull ma gie deciz hu l-legalita procedurali tal-hrug tal-mandat. It-titolu jew elementi minnu setghu jigu attakkati biss skont il-ligi wara l-esekuzzjoni tal-mandat. Il-Qorti tista' tieqaf hawn u tichad l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta. Pero ghal kompletezza ser tqis iz-zewg digrieti li waslu biex issir din l-eccezzjoni.

Il-Qorti tqis li kemm l-ewwel Qorti bid-digriet taghha tat-12 ta' Lulju 2018 u l-Qorti tal-Appell bid-digriet taghha tat-8 ta' Frar 2019 ma setghux jidhlu fil-mertu dwar il-validita tat-titolu tendenti biex jinhareg il-mandat specifiku u ad hoc izda biss l-ezistenza tieghu prima facie biex jaslu jqisu jew l-esekuzzjoni tieghu kinitx milquta' minn xi ghelt jew nuqqas procedurali. Jidher mhux kontestat li s-socjeta konvenuta tgawdi titolu ezekuttiv cioe ipoteka navali. L-ewwel Qorti fil-fatt ghamlitha cara u qalet hekk:

> Illi din il-Qorti, fl-istharrig li jmissha taghmel fi procedura bhal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' revizjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun. Ghalhekk din il-Qorti ghandha toqghod b'seba' ghajnejn biex ma thallix kwestjoni dwar Mandat mahrug minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuh mill-gdid tal-mertu jew billi thalli li jiddahhlu fin-nofs kwestjonijiet ohrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi hadd biex jitlob il-hrug ta' Mandat m'ghandux, bhala regola, ikun raguni biex il-Qorti tistharreg is-siwi tieghu. Dan jinghad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wiehed ezekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun ezegwibbli;
>
> Illi l-Qorti tista' tifhem l-argument tal-Bastiment u jista' jkollha l-fehmiet taghha dwar is-siwi tal-istess, ukoll fid-dawl ta' dak li tghid il-ligi Maltija, imma jibqa' l-fatt li l-kwestjoni tal-istharrig tas-siwi tat-titolu ma taqax taht l-ezercizzju li jmissu jsir f'azzjoni mibdija taht l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jidher li din hija kwestjoni li tkun trid titressaq b'azzjoni u fis-sura xierqa quddiem il-Qorti kompetenti.

Tajjeb li jinghad li l-Qorti tal-Appell cahdet l-appell tal-vapur ghalkemm kif qalet hi, ghal ragunijiet differenti mill-ewwel Qorti pero kienet konsapevoli li marbuta mal-procedura stabbilita fil-artikolu 281 tant li d-decide taghha kien li ikkonfermat 'ic-cahda tat-talbiet tal-basiment appellant', ghalkemm fil-konsiderazzjonijiet taghha dehrilha li tmur oltre milli marret l-ewwel Qorti u messet argumenti li fil-fehma ta' din il-Qorti kienu jmorru oltre milli semplici determinazzjoni ta' titolu ezekuttiv u jekk l-esekuzzjoni tieghu skont l-att ezekuttiv maghzul hux milqut minn xi nuqqas procedurali u dan meta l-proceduri ghal revoka ta' mandat qatt ma huma intizi ghal mertu shih u provi ezawrjenti fir-rigward tal-validita tat-titolu. Madankollu fid-decide ikkonfermat id-digriet tal-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti espressament astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba jekk il-mandat hux null jew illegali minhabba d-dispost tal-artikolu 37 tal-Kap. 234. Il-Qorti tal-Appell ma iddikjaratx ruhha fuq din il-kwistjoni fid-decide u kieku ghamlet hekk kienet tmur oltre dak li jipprovdi l-artikolu 281 li fl-ahhar mill-ahhar hi procedura sommarja.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tar-res judicata tas-socjeta konvenuta, spejjez ghas-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur